



Brussell, 10 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9373/26
ADD 1

RECH 222
ASIE 19

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Indja għal ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Indja fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tagħha mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa

DIRETTIVI TAN-NEGOZJATI TA' FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-INDJA, MIN-NAĦA L-OĦRA, DWAR FTEHIM DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TAR-REPUBBLIKA TAL-INDJA FI PROGRAMMI TAL-UNJONI U L-ASSOĊJAZZJONI TAR-REPUBBLIKA TAL-INDJA MAL-PILASTRU II TAL-ORIZZONT EWROPA – IL-PROGRAMM QAFAS GĦAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI (2021-2027).

1. Il-ftehim għandu jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Indja fi kwalunkwe programm tal-Unjoni. Għandu:
 - (a) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;
 - (b) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u għall-kostijiet amministrattivi tagħhom. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju¹;
 - (c) ma jagħti lill-pajjiż terz ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-programm tal-Unjoni;
 - (d) jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.
2. Il-ftehim għandu jipprevedi li kwalunkwe assoċjazzjoni futura tar-Repubblika tal-Indja ma' programmi ulterjuri tal-Unjoni għandha tiegħu l-għamla ta' protokollu individwali għall-ftehim. Fin-negozjati, il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibbiltà li tali protokollu jiġu adottati permezz ta' proċedura simplifikata minn korp stabbilit skont il-ftehim. Il-prinċipji ġenerali rilevanti għall-parteċipazzjoni fi kwalunkwe programm tal-Unjoni jiġu stipulati fil-ftehim.
3. Il-ftehim għandu jiddetermina l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli mir-Repubblika tal-Indja lill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), (ĠU L, 2024/2509, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

4. Il-Protokoll dwar il-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa (2021-2027) għandu jistabbilixxi termini u kundizzjonijiet speċifiċi għar-Repubblika tal-Indja biex tipparteċipa fil-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea" ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021–2027), f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764³, u ma' kwalunkwe regola oħra li tappartjeni għall-implimentazzjoni tal-programm.
5. Il-Protokoll dwar il-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa għandu jipprevedi li r-Repubblika tal-Indja jkollha status ta' osservatur fil-Kumitat tal-Programm Orizzont Ewropa skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Indja mal-programm (iżda għal dawk il-konfigurazzjonijiet tal-Kumitat tal-Programm biss li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-Pilastru II).
6. Il-Protokoll dwar il-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa għandu jkun fih klawżola ta' reċiproċità li tiżgura li l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jkunu jistgħu jipparteċipaw, b'mod reċiproku u sa fejn hu possibbli, fil-programm(i) tar-Repubblika tal-Indja ekwivalenti għall-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa.
7. Il-Protokoll dwar il-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa għandu jstipula d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Orizzont Ewropa relatati mal-protezzjoni tal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni.
8. Il-ftehim għandu jippromwovi valuri u prinċipji fundamentali kondiviżi, inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni.

² Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU UE L 170 12.5.2021, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplementa l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE (ĠU UE L 167 I, 12.5.2021, p. 1).

9. Il-ftehim għandu jistipula regoli dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-finanzjament tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-ftehim għandu jipprevedi li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti b'mod adegwat, inkluż permezz tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni, tal-korrezzjoni u tal-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, inkluż frodi, tal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u fejn xieraq, tal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi u l-irkupru ta' flus. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu jkun jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu jkun jista' jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni r-reati kriminali kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
10. Matul in-negozjati, il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibbiltà li tinkludi klawnsola dwar l-applikazzjoni proviżorja u/jew retroattiva tal-ftehim. Il-ftehim għandu jkun koerenti mal-politiki u l-objettivi relatati tal-Unjoni.
-